# St Nicholas College – Mġarr Primary School

## Fisher Road, Mġarr MGR 9054

**Phone:** 21574762 **Email:** snc.mgarr.pr@ilearn.edu.mt **Website:** http://snc.mgarr.skola.edu.mt


**CHILDREN WALKING HOME FROM SCHOOL POLICY** (Linji gwida ta' kif it-tfal immorru lura d-dar)

L-ebda student/a taħt it-tmin snin mhu ser jitħalla jimxi sad-dar waħdu. L-istudenti kollha taħt it-8 snin iridu jitilqu ma' ħuthom akbar jew jinġabru minn persuna nominata ta' 10 snin jew aktar.

Jekk l-istudenti ser jimxu waħedhom sad-dar mill-iskola, il-ġenituri/kustodji għandhom jibagħtu nota bil-miktub fil-ġurnata li fiha ser imorru d-dar bil-mixi. Huwa importanti li tinkiteb id-data ċara u n-nota tkun iffirmata. Jekk ma jkunx hemm din in-nota l-istudenti jintbagħtu d-dar bħas-soltu skont '*permission to walk home form*'.

Jekk il-fatt li l-istudent/a j/timxi sad-dar ikun arranġament okkażżjonali, il-ġenituri/kustodji għandhom jimlew u jiffirmaw '*permission to walk home form*' għal dik il-ġurnata u jibagħtuha mat-tfal u minn hemm tingħata lill-għalliema jew membru tal-SMT. Il-formola trid tispeċifika d-data meta l-istudent/a jista' jimxi sad-dar.

L-istaff tal-iskola mhux ser iħallu tfal taħt it-tmin snin jitilqu waħedhom meta mhux akkumpanjati minn ħuthom jew persuna nominata li hija akbar minn għaxar snin. L-istaff mhux ser iħalli tfal jitilqu jekk ma jkollhomx formola tal-permess tal-ġenituri mimlija.

Waqt il-ħruġ mill-iskola l-għalliema ser jakkumpanjaw lill-istudenti sal-grada tal-iskola u jaċċertaw ruħhom li:

1. Studenti li jagħmlu użu mit-trasport jieħdu posthom skont ir-rotta b'mod ordnat.
2. Studenti li jagħmlu użu mis-servizzi tal-Klabb 3-16 jingħataw lill-istaff tal-istess klabb.
3. **Studenti li jinġabru mill-ġenituri** – l-għalliema għandhom jindunaw bil-preżenza tal-ġenitur/kustodju qabel ma joħorġu. F'każ li ma jkun hemm ħadd biex jiġbor l-istudent/a, l-għalliema għandhom jinfurmaw lill-membri tal-SMT u l-istudenti m'għandhomx jitilqu mill-bini tal-iskola.
4. L-istudenti li jimxu sad-dar għandhom jitħallew jitilqu biss mill-għalliema jekk il-formola 'permission to walk home form' tkun mimlija u iffirmata.

N.B. Meta għalliema tkun marid/a jew mhux/mhix l-iskola, l-għalliema li jieħdu l-istudenti għandhom jieħdu ħsiebhom waqt il-ħruġ mill-iskola. Biex dan l-eżerċizzju jkun aktar faċli u effettiv, ser tingħata lista lill-għalliema kollha li tindika studenti li:

1. Jimxu sad-dar waħedhom (8 snin u akbar)
2. Jimxu sad-dar ma' ħuthom (10 snin u akbar)
3. Jinġabru minn ġenituri/kustodji
4. Jagħmlu użu mit-trasport (u liema rotta)
5. Jagħmlu użu mis-servizz tal-Klabb 3-16

**Nota lill-ġenituri/kustodji**:
L-istudenti kollha għandhom ikollhom il-formola 'permission to walk home' mimlija u mibgħuta l-iskola peress li din tindika kif ser imorru lura d-dar, jekk hux ser jużaw it-trasport, is-servizzi tal-Klabb 3-16, jekk hux ser imorru d-dar waħedhom, ma' ħuthom jew jinġabru mill-ġenituri/kustodji.

# St Nicholas College – Mġarr Primary School

## Fisher Road, Mġarr MGR 9054

**Phone:** 21574762 **Email:** snc.mgarr.pr@ilearn.edu.mt **Website:** http://snc.mgarr.skola.edu.mt


## Permess biex jimxu d-dar – timtela mill-istudenti kollha

**Permess tal-ġenitur/kustodju u rikonoxximent tar-responsabbilita'**

**Dettalji tal-istudenti:**

1. Isem u Kunjom: ______________________________ Klassi: ________________
2. Isem u Kunjom: ______________________________ Klassi: ________________
3. Isem u Kunjom: ______________________________ Klassi: ________________
4. Isem u Kunjom: ______________________________ Klassi : ________________

**Kuntatt tal-ġenitur/kustodju:**

Dar: ____________________ Xogħol: ________________ _____ Mowbajl: ________________

**It-tfal tiegħi ser :** *(Għażel WAĦDA)*

1. Jimxu sad-dar waħedhom (8 snin u akbar) IVA ☐ LE ☐
2. Jimxu sad-dar ma ħuthom (10 snin u akbar) IVA ☐ LE ☐
3. Jinġabru minn ġenitur/kustodju IVA ☐ LE ☐
4. Jagħmlu użu mit-trasport tal-iskola IVA ☐ LE ☐
5. Jagħmlu użu mis-servizzi tal-Klabb3-16 wara l-ħinijiet tal-skola IVA ☐ LE ☐

Nagħti permess biex it-tifel/tifla/tfal tiegħi jimxu d-dar minn Kulleġġ San Nikola, Skola Primarja Mġarr f'dawn il-ġranet. *(Għażel skont il-bżonn)*.

| Tnejn | Tlieta | Erbgħa | Ħamis | Ġimgħa |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

Jien qrajt il-politika '*Children Walking Home From School'*. Nifhem li t-tifel/tifla/tfal ser jitħallew joħorġu mill-iskola biss meta jiġbdu l-attenzjoni tal-għalliema jew l-SMT waqt il-ħruġ mill-iskola. Nieħu r-responsabbilita' li t-tifel/tifla/tfal tiegħi jifhmu r-risponsabbilitajiet tagħhom meta jitilqu mill-iskola waħedhom u l-aspettativi tiegħi li jimxu magħhom. Nifhem li darba t-tifel/tifla/tfal tiegħi telqu mill-iskola skont il-permess tiegħi u l-politika tal-iskola, l-iskola m'għadhiex responsabbli għat-tifel/tifla/tfal tiegħi u jien nieħu r-responsabbilita' tas-sigurta' u mġieba ta' wliedi minn dak il-punt.

___________________________ ___________________________ _________________________

ID card number Signature of parent/guardian Date

**Data Protection Act 2001:** L-informazzjoni li tajt hija neċessarja għall-operazzjoni sigura u effettiva tal-iskola. L-informazzjoni personali mitluba tiġi meqruda meta l-istudent/a imur/tmur fi skola oħra. Inti tista' tara l-informazzjoni dwar it-tifel/tifla/tfal tiegħek f'kull ħin.